MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 747/1996/1

**Paul Debono**

**Vs**

**Malta Drydocks;**
**U b' digriet tal-10 ta' April 2004 Saviour Gauci f' isem il-Gvern ta' Malta bhala successur tal-Malta Drydocks gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza minflok l-istess Malta Drydocks**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-5 ta' Marzu 1996 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-8 ta’ Dicembru, 1993, l-attur waqt il-qadi ta’ dmirijietu bhala haddiem fil-Malta Drydocks wegga’ gravement f’ ghajnejh il-leminija;

Premess illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, u nuqqas ta’ tehid tal-prekawzjonijiet rikjesti da parti tal-konvenut;

U premess illi l-attur soffra danni ngenti b’ rizultat ta’ l-istess incident, komprizi d-danni naxxenti minn dizabilita` fizika permanenti li giet kawzata b’ konsegwenza ta’ dan l-incident;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess konvenut huwa responsabbli ghall-incident tat-8 ta’ Dicembru, 1993, fil-Malta Drydocks fuq riferit;

2. Tillikwida d-danni li soffra l-attur b’ rizultat ta’ dan l-incident, jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-interessi legali u bl-ispejjez kollha komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali tat-2 ta’ Mejju 1995, u tad-19 ta’ Settembru 1995 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta, ipprezentata fid-19 ta’ Lulju 1996 li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-Malta Drydocks ma tahti bl-ebda mod ghall-incident li l-attur jallega li kellu u ma naqset bl-ebda mod fil-konfront

tieghu. Il-korporazzjoni ghandha nies kompetenti biex jesegwixxu x-xoghol li ghandhom ukoll id-dover li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha rikjesti fil-ligi u skond is-sengha u ghal dan il-ghan tipprovdi wkoll il-facilitajiet u l-ghodod necessarji. Jekk kien hemm xi nuqqas fl-incident in kwistjoni, dan ma kienx la tal-korporazzjoni u anqas tad-dirigenti taghha u ghalhekk kull nuqqas jew negligenza li tista’ tirrizulta, ghandu jwiegeb ghaliha direttament min, jekk ikun il-kaz, jirrizulta li naqas jew kien negligenti;

2. Illi konsegwentement il-Malta Drydocks ma hija responsabbli ghal ebda danni li seta’ sofra l-attur;

3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit u irrispettivament mill-kwistjoni tar-responsabilita` l-attur kien gie offert kumpens bla pregudizzju taht il-Personal Accident Policy vigenti fil-Malta Drydocks pero` dan irrifjutha, u ghalhekk il-Malta Drydocks m’ ghandhiex tbati spejjez f’ dawn il-proceduri;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Sammy Meilaq fil-kwalita` tieghu ta’ *chairman* u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Frar 1999 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti gudizzjarji l-oftalmologu Dr. Mario Bonnici u l-avukat Dr. Mark Chetcuti biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz; kif ukoll id-digriet tat-8 ta’ Gunju 2001 li bih gie nominat bhala espert oftalmiku Dr. Carmel Agius in sostituzzjoni ta’ Dr. Mario Bonnici fl-inkarigu tieghu;

Rat ir-relazzjonijiet ta’ l-esperti nominati li jinsabu a fol. 169 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2004;

Semghet lill-espert oftalmiku Dr. Carmel Agius jixhed in eskussjoni fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2005;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata mill-attur fid-9 ta' Marzu, 2005 u n-nota ta' riferenzi tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Marzu 2005;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Jezistu elementi sufficcjenti fir-rizultanzi istruttorji biex l-incident allegat mill-attur u li fih hu sofra menomazzjoni f' ghajnejh il-leminija jigi rikostruwit kif gej:-

(1) L-attur jistqarr fl-Affidavit tieghu (fol. 15) illi fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Dicembru 1993 kien qed jaghmel xoghol ta' *welding* f' tank ta' vapur. Huwa htieglu wkoll jaghmel xoghol ta' *chipping* ta' l-islag. Kif spjegat ulterjorment minnu (ara fol. 141) meta fil-kors tal-*welding* jinharaq il-hadid dan ihalli qisu *coating* jew *slag* li jrid jigi *chipped* minnu fuq il-hadid. Kien fil-kors ta' dan ic-*chipping* li taret bicca u dahlitlu f' ghajnejh;

(2) L-istess attur jissokta jghid li bhala attrezzi kien inghata *burner*, tnalja, *hand shield* bi hgiega skura, u *chipping hammer*. Isostni, pero`, li ma giex fornut b' *goggles*. F' dan il-kuntest jinghad minn Joseph Saliba (fol. 36) Safety & Laboratory Manager tat-Tarzna, illi sta ghall-haddiem li meta jonqsu xi apparat jaghmel talba lill-kap tieghu jew l-i*stores*. Partikolarment, fil-kaz tal-*welders* dawn jitolbu ingwanti, *safety helmet*, *filters* ghan-nifs, *noise suppressors*, *hand screen* jew *protective goggles*.

Huwa jzid jaggungi illi fil-kaz ta’ l-attur wara l-1 ta’ April 1992 dan ghal xi raguni la talab *equipment* biex jahdem u lanqas bhala sigurta`;

(3) Dan l-ahhar imsemmi xhud jirrikonoxxi li fl-operazzjoni tad-*dislagging* il-haddiem jenhtieglu jipprotegi ghajnejn minhabba t-titjir (fol. 135). F’ dan il-kaz jghoddu bhala mezz ta’ protezzjoni kemm il-*hand screen* jew il-*goggles*, b’ dan li l-hgiega taghhom ma tistax tkun oskura;

(4) Jinghad dejjem minn dan l-istess xhud illi fit-Tarzna ma jezistux *hand screens* bi hgiega cara u li fil-fatt ghax-xoghol tac-*chipping* jintuza *goggles* bi hgiega cara (fol. 136). Jirrizulta pero` minn xhieda ohra, senjatament dik ta’ l-i*storekeeper* Reuben Mallia (fol. 143) illi l-*goggle, specification 904*, bi hgiega cara ddahhlu fit-Tarzna fit-22 ta’ Ottubru 1997, u cjoe wara l-incident *de quo*. Dan jistqarru wkoll l-attur (fol. 140) li jzid jghid li fl-ghaxar snin li hadem mal-*welders* dejjem gie provvdut b’ *goggle* oskur, *specification 503*, li ma jintuzax ghax-xoghol tac-*chipping*;

(5) Joseph Micallef, ic-*chargeman* tal-*welders*, fl-Affidavit tieghu (fol. 19) jiddikjara li t-Tarzna qatt ma pprovdithom b’ *chipping screen*. Meta xehed aktar tard jghid li filwaqt li fil-prezent irid ikollok nuccali jew *goggle* apposta, f’ dak iz-zmien kellhom nuccali tip iehor bi hgiega cara u hgiega oskura titla u tinzel skond ix-xoghol, “ghall-*welding* tinzel il-hgiega skura u ghac-*chipping* hgiega cara. Jien kelli. Ma tistax tahdem minghajrhom” (fol. 153);

(6) Ic-*chargeman* Joseph Cammileri (fol. 152) cahad li l-apparat tas-sigurta` kien responsabilita` tieghu u jaf li l-attur kellu l-appart kollu pero` ma kienx jaf jekk dakinhar ta’ l-incident kienx libishom jew le. L-istess xhud jikkonferma wkoll illi hi r-responsabilita` tal-haddiem li jiehu hsieb li jkun provvist bil-mizuri ta’ sigurta`;

Fuq il-fatti kif allegati, il-perit legali nominat mill-Qorti jaskrivi lit-Tarzna bil-htija talli din naqset milli ggib il-prova primarja li l-attur gie supplit bl-apparat idoneu bhala mezz

ta’ salvagwardja tal-persuna ta’ l-attur fil-kors tal-qadi ta’ dmirijietu. Jghid ukoll li t-Tarzna naqset milli tipprovdi sorveljanza adegwata. Jiskansa wkoll lill-attur minn kull konkors ta’ htija in kwantu fil-fehma tieghu l-attur hadem bl-attrezzi moghtija lilu f’ dak iz-zmien u ma kienx jidher li seta’ ha prekawzjonijiet ohra jew agixxa b’ mod differenti biex jinnewtralizza jew jimminimizza l-perikolu inerenti fix-xoghol li kien qed jaghmel;

Dan premess, ma jista’ qatt ikun dubitat illi min ihaddem hu tenut jadotta l-mizuri kollha idoneji biex jittutela lill-impjegati tieghu. Din ir-responsabilita` ghandha natura kontrattwali bil-konsegwenza li, ghall-iskop tar-rizarciment tad-danni fuq il-persuna, jaggrava fuq il-haddiem li jipprova l-inadempiment ta’ min ihaddem ghall-obbligu ta’ l-adozzjoni ta’ tali mizuri;

Jekk l-impjegat jirnexxielu jassolvi tali oneru tan-nuqqas ta’ mizuri adegwati ma ghandux ghalfejn, *stricto jure*, jiddemostra s-sussistenza tal-kolpa tal-principal inadempjenti. Jinkombi fuq dan ta’ l-ahhar li juri li l-event leziv sehh minhabba fatt mhux imputabbli lilu;

Jista’ jigri, u fil-fatt hu ammissibbli, il-konkors tar-responsabilita` kontrattwali u dik akwiljana jew extra-kontrattwali di fronte ghall-istess fatt li jivvjola kontemporanjament mhux biss id-drittijiet derivanti mill-kuntratt, imma anke d-drittijiet spettanti lill-haddiem offiz, indipendentement mill-kuntratt innifsu;

Isegwi illi l-haddiem irid jipprova kemm il-fatt tal-lezjoni psiko-fizika, kemm in-ness ta’ kawzalita` bejn l-event dannuz, il-kompiment tal-prestazzjonijiet tieghu u l-att jew ommissjoni attribwibbli lil min ihaddem;

Tajjeb li jinghad ukoll illi meta haddiem ikun gie istruwit kif ghandu jaghmel certu xoghol, u mwissi wkoll dwar l-ezistenza ta’ perikolu potenzjali, wiehed ikollu jezamina jekk dan il-haddiem ikunx mexa kontra l-istruzzjonijiet u

kienx imprudenti dwar il-prekawzjonijiet li kellu jadopera. Id-diligenza u l-prudenza ordinarja mhix haga kostanti fl-entita` izda tiddependi mic-cirkostanzi;

Huwa fatt li l-attur kien ilu jaghmel ix-xoghol lilu assenjat ghal bosta snin. Hu allura kien edott mill-kwalita` tax-xoghol li kien qed isir u kien allura fid-dover li jippresta attenzjoni ghall-inkolumita` tieghu u ta' shabu. Ciononostante, ir-ricerka primarja f' dan il-kaz tibqa' dik jekk l-attur giex indebitament espost ghall-perikolu minn min ihaddmu;

Mill-fatti esposti jidher li l-kwestjoni tiddependi essenzjalment mill-valur u mill-kredibilita` li tinghata lix-xhieda tal-kontendenti. Il-perit gudizzjarju, anke jekk kif kummentat minnu, ix-xhieda kienet konfuza u mpreciza, wasal ghall-konkluzjoni li jaccetta l-versjoni ta' l-attur, u ghalhekk sab li t-Tarzna kienet responsabbli. Anke ghar-rigward ta' din il-kwestjoni din il-Qorti tippropendi versu l-veduta illi fl-epoka ta' meta sehh l-incident t-Tarzna ma kienetx munita b' attrezzi adattati ghat-tip ta' xoghol li kien qed jaghmel l-attur, u allura ghall-iskansar tad-dannu fuq il-persuna tal-haddiema taghha assenjati ghax-xoghol ta' l-iccipjar ta' l-islag. Din l-ommissjoni kienet tikkostitwixxi ksur tar-regola bazika relattiva ghall-harsien ta' l-impjegat. Fil-ligi din l-inosservanza ta' dover, ghall-finijiet ta' htija, hi desinjata bil-kliem "jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi" (Artikolu 1033, Kodici Civili). L-ezistenza ta' l-estrem tal-kolpa hi nsita f' din l-istess inosservanza. Dan anke ghaliex il-perikolu mit-tip ta' xoghol li kien qed jaghmel l-attur, meta mhux fornut b' attrezzi adegwati, la kienet remota u lanqas imprevedibbli. Fil-fehma tal-Qorti, taht dan l-aspett, it-Tarzna konvenuta ma rnexxielhiex sodisfacentement u konvincentement tiddisimpenja ruhha u tirribatti l-akkuza ta' l-attur illi effettivament hu ma kienx gie moghti l-mezzi protettivi adegwati ghat-tutela tal-persuna tieghu. F' dan is-sens din il-Qorti tikkonkorda mar-riljiev tal-perit legali;

Fejn tiddevergi minnu hi l-affermazzjoni tieghu dwar in-nuqqas ta' sorveljanza. Huwa pacifikament ricevut fi skorta ta' decizjonijiet illi "d-dover ta' sorveljanza ma jidherx li jista' jigi nterpretat fis-sens illi l-imghallem ghandu joqghod kull waqt u kull hin attent fuq il-haddiem". Ara a propozitu "**John Debono *et* -vs- Neg. Joseph Muscat**", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar 1960; "**Francis Coleiro *nomine* -vs- Carmelo Cassar**", Appell Civili, 24 ta' April 1964 u "**Alfred Borg *nomine* -vs- William Furlonger *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 21 ta' Jannar 1965. Dan jista' jinghad b' egwal forza rafforzata fil-kaz ta' azjenda kbira bhat-Tarzna fejn jezistu numru kbir ta' haddiema, u dippju l-haddiem, skond l-attrezzi disponibbli, ikun segwa l-istruzzjonijiet lilu moghtija. Il-qofol tal-kwestjoni f' dan il-kaz ma kienetx din imma l-verifika stabbilita tan-nuqqas ta' attrezzi necessarji ghall-iskansar. Hu proprju dan in-nuqqas li ta lok ghall-event dannuz;

M' hemmx dubju illi kif sewwa rilevat mit-Tarzna konvenuta, anke l-kondotta tal-persuna danneggjata tista' tikkomporta l-eskluzjoni tal-htija tad-danneggjant jew anke l-kontributorjeta` tieghu. B' danakollu jista' jinghad illi fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li ghamlet ezami bir-reqqa tal-provi u hasbet sewwa fuqhom, ma ssibx raguni biex ma takkollax l-htija unikament fuq it-Tarzna konvenuta. Dan anke oggettivament b' riferiment ghall-kuncett tar-riskju fir-rapport ma' l-attivita` zvolta mill-attur. Responsabilita` li hi wkoll aggravata bil-fatt apprezzat u stabbilit ta' l-inadempiment bin-nuqqas tal-fornitura ta' attrezzi adegwati ghat-tip ta' xoghol. Kif osservat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Galea -vs- Albert Mizzi *et nomine***", Appell, 23 ta' April 2001, "kien l-obbligu ta' kull min ihaddem illi perjodikament jivverifika l-kondizzjoni ta' l-attrezzi u l-makkinarju tax-xoghol li bih l-impjegati jkunu mistennija li jahdmu u dan b' mod kompetenti minn persuni kwalifikati. In-nuqqas ta' min ihaddem f' dan ir-rigward jirrendih responsabbli ghall-incidenti li setghu jigru minhabba traskuragni u negligenza tieghu li jassigura li l-impjegati li jhaddem joperaw f' ambjent li wiehed ragjonevolemnt kellu jqis li hu sikur." Fil-kaz in ispecje wiehed ma kellux jistenna illi l-*goggles* bi hgieg mhux

oskur jigu provvduti wara l-incident ta' l-Umm El Faroud. Ara xhieda ta' Reuben Mallia (fol.142);

Stabbilita din ir-responsabilita`, aspett iehor ventilat f' dan il-kaz huwa dak jekk il-konsegwenzi dannuzi kienux ir-rizultat dirett ta' l-incident *ut sic* jew kienx hemm fatturi estraneji li nfluwenzaw dawn l-istess konsegwenzi u rrendewhom aktar gravuzi;

In linea ta' principju jinsab enuncjat illi "hu mprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza" (**Kollez. Vol. XLIV P I p 343**);

Issa l-fatti li jemergu mill-provi f' dan il-kaz huma s-segwenti:

(i) Skond ir-rapport mediku tal-konsulent oftalmiku Dr Richard Soler, (fol. 29), l-attur "*developed fungal keratitis following a corneal foreign body at his place of work which left a dense corneal scar with consequent reduced vision*";

(ii) Mill-ispjega ta' Dr. Albert Bezzina (fol. 53), li kien parti mit-*team* ta' tobba li operaw lill-attur, dan kellu bzonn trapjant tal-*cornea* ossija *corneal graft*. Il-kagun ghal dan kien il-fatt li wara l-incident l-ghajn sofriet infezzjoni;

(iii) Ghal Dr. Das, Senior Medical Officer tat-Tarzna, il-*fungal infection* fl-ghajn kienet kawzata minn fatturi ohra u mhux mill-kontaminazzjoni ta' bicca *chipping* mill-islag. Huwa fil-fatt jissuggerixxi illi fiz-zona industrijali fejn kien jahdem l-attur l-infezzjoni tista' tkun "*bacterial or viral*" (fol. 147);

(iv) L-espert oftalmiku Dr. Carmel Agius, nominat mill-Qorti, jopina li setghet kienet *fungal infection* izda ma

eskludiex li kienet ukoll *bacterial* originanti minn *streptococcus jew staphilococcus* (ara Eskussjoni ta' l-imsemmi espert, fol. 196). Din zviluppat fl-ewwel tlett ijiem mill-kontaminazzjoni mill-islag u setghet sehhet mill-ispori fl-arja u anke minn kuntatti ohra. Mhux eskluz ir-raba li, kif jirrizulta, l-attur kien jahdem ukoll. Invece, l-*viral infection* maghrufa bhala Herpes Simplex setghet kienet konsegwenti mill-istess trapjant tal-*cornea* u l-i*scars* post operatorja;

(v) Dan jikkombacja ma' dak li ddepona Dr. Ivan Vella (fol. 149) fis-sens illi l-attur kien sofferenti minn kumplikazzjoni fil-*corneal graft;*

Fermi dawn il-konstatazzjonijiet medici, kemm jekk l-infezzjoni kienet ta' origini batterika jew *fungal*, jibqa' l-fatt li din l-infezzjoni, kif determinat anke mill-espert mediku, kienet il-konsegwenza tal-barxa orginarja fil-*cornea* tal-ghajn. Barxa li avverat bil-mod aktar 'il fuq accennat. Kienet allura din il-barxa kawzata mic-*chipping* ta' l-islag li tista' tghid kienet il-*fons et origo mali* tal-kumplikazzjonijiet li sehhew, u dan la tort ta' l-attur u lanqas tad-diversi tobba li ttantaw jikkurawh. Dan aktar u aktar jekk l-infezzjoni, kif mhux eskluz bhala possibilita`, kienet ta' indoli batterika, u li allura setghet giet prodotta proprju mill-'*industrial area as Paul Debono was working in*', kif dikjarat minn Dr. Das tat-Tarzna (fol. 148). Anke din il-konsiderazzjoni ghandha sservi bi twegiba ghall-argoment fuq dan il-punt sottomess fid-dibattitu orali mit-Tarzna konvenuta;

A propozitu, il-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni kellha dan xi tghid (**Nru. 7507, 4 ta' Gunju 2001**):

"*Nel caso di lesioni personali segwita da trattamento sanitario che, in luogo di determinare la guarigione, le abbiano aggravate (o abbiano addirittura provocate la morte del paziente), l' eventuale negligenza o imperizia dei medici non esclude, di per sè, il nesso di causalità tra la condotta lesiva dell' agente e l' evento finale, poiche la colpa del sanitario, ancorche grave, non puo ritenersi*

*causa autonoma ed indipendente rispetto al comportamento dell' autore dell' illecito, che, provocando il fatto lesivo, ne abbia reso necessario l' intervento. L' intervento medico è, di fatti, vicenda sicuramento tipica e prevedibile, mentro lo stesso errore professionale, non potendo, di per se, ritenersi fatto del tutto imprevedibile o inverosimile, si inserisce del tutto legittimamente nella serie causale originata dall' azione offensiva - rispetto alla quale costituisce, dunque, momento normale di evoluzione - poiche le modalita` con cui i sanitari operano non realizzano quella situazione di sufficienza causale sopravvenuta nella determinazione dell' evento dalla quale il legislatore fa dipendere l' esclusione del rapporto di causalita` rispetto a tutti gli antecedenti comunque riferibili all' evento.*";

Zgumbrat dan it-terren, dak li jifdal jigi konsiderat jirrigwarda l-kontestazzjoni tal-partijiet dwar il-likwidazzjoni tad-danni komputati mill-perit legali;

Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja. Effettivament, minn dak ikkonstatat mill-Qorti kien hemm zmien meta ebda riljiev ma kien jigi akkordat lill-integrita` psiko-fizika fiha nnifisha u konsiderata ghaliha u allura ghal finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni kien isir riferiment esklussiv ghar-redditu mix-xoghol, il-percentwali ta' l-invalidita` u l-eta` tad-danneggjat. Kien biss permezz tad-duttrina mediko-legali li bdew jigu apprezzati fatturi ohra oltre dawk merament bijologici u l-implikazzjonijiet ta' l-izvantaggi b' rizultat tad-dizabilita`. Ara b' ezempju l-

monografija tal-Professur Victor Griffiths intitolata "**The Medical Aspects of Personal Injury Assessment**", moqrija fis-symposium tal-Kamra ta' l-Avukati fil-Grand Hotel Excelsior fl-4 ta' Mejju 1985;

Ormaj hu pacifikament stabbilit illi "id-dizabilita` timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qliegh ahjar f' xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika, senjatament f' kaz ta' xoghol manwali, bhal dak ta' l-attur appellat" - "**George Gatt -vs- Francis E. Carbone *nomine***", Appell, 7 ta' Lulju 1998;

Issokta jigi deciz illi "l-Qorti kellha necessarjament tillimita l-konsiderazzjoni taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-danneggjat bhala rizultat dirett ta' l-incident kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorattiva tieghu. Dan mhux biss attwalment fic-cirkostanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f' kull attivita` ohra lavorattiva ghalih miftuha" - "**Carmelo Galea -vs- Albert Mizzi *et nomine***", Appell,. 23 ta' April 2001;

Precizat is-suespost, huwa kompitu tal-gudikant li jezamina u jindividwa l-kriterju li jrid jigi adoperat fil-kuntest tal-menomazzjoni subita, anke biex tigi evitata valutazzjoni arbitrarja. F' dan il-kaz l-espert mediku ddetermina li d-dizabilita` globali ta' l-attur kienet ta' 12%. Fil-kors ta' l-eskussjoni gie minnu spjegat illi bhala dizabilita` vizwali huwa estima li l-attur kellu 8% pero` ziedlu 4% ghax deherlu li 'l quddiem il-vista mhux ser tibqalu dejjem hekk. Dan il-percentagg kien wiehed *overall* taz-zewg ghajnejn izda kwantu ghal ghajn wahda din kienet 10%. Evidentement din ir-rata ta' dizabilita` trid tkun rikollegata u apprezzata fl-ambitu bijologiku shih tal-persuna;

Jidher li hu accettat f' kazijiet konsimili, fejn ghandek telf ta' vizwali, illi wiehed ghandu jaghti piz debitu lill-konsegwenzi ta' tali telf ta' dawl minn ghajn wahda fuq l-*individual industrial effeciency* ta' l-attur. Ara "**Joseph Abela -vs- Martin Spagnol**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef J. Said Pullicino, 30 ta' Marzu 1993;

Ghal kaz bhal dan jirrizulta li l-Qrati taghna segwew t-tabellarju xjentifiku tal-*weighted average* biex jaslu ghal grad ta' debilitazzjoni kemm jista' jkun gust u korrett. Ara decizjoni fl-ismijiet "**Gaspare Xuereb -vs- Sammy Meilaq *et nomine***", Appell, 4 ta' Dicembru 1998;

In bazi ghall-gurisprudenza enuncjata u b' adozzjoni ta' dan il-metodu, una volta stabbilit mill-espert mediku li l-ghajn il-leminija ghandha *efficiency rating* ta' 90% mentri dik tax-xellug hija normali u ghalhekk ghandha *efficiency rating* ta' 100%, il-formula adoperata taghti dan ir-rizultat: (90 x 1) + /4 (100 x 3) = 390 ÷ 4 = 97.5%. Li jfisser illi la darba l-attur ghandu *industrial efficiency* ta' 97.5% hu jigi li ghandu debilitazzjoni permanenti ta' 2.5%. Dan l-ezercizzju jgib b' konsegwenza li din l-Qorti jkollha tiddipartixxi mir-rizultanzi rizarcitorji tal-perit legali, anke jekk taqbel mieghu dwar l-adozzjoni tal-*multiplier* ta' 25 sena, tenut rigward tac-*chances and changes of life* u l-fatt probabbli li l-attur ma kienx eventwalment jibqa' jaghmel l-istess tip ta' xoghol minhabba l-kwalita` ta' strapazz (ara f' dan is-sens "**Emanuel Agius -vs- Mario Borg**", Appell, 22 ta' Novembru 1995), kif ukoll mat-tnaqqis tal-percentagg minhabba l-hlas f' forma ta' *lump sum payment*. Huwa ovvju minn dan illi din il-Qorti ma tikkondividix is-sottomissjonijiet fuq dan il-punt rilevati mill-attur fin-Nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu (fol. 205);

Dan igib li r-rizarciment tad-danni subiti mill-attur minhabba lezjoni personali issa jaqra hekk:

Lm4137 x 2.5% x 25 sena - 10% = <u>Lm2327.06</u>.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara li ghall-incident tat-8 ta' Dicembru 1993 li fih l-attur issubixxa menomazzjoni f' ghajnu l-leminija kienet responsabbli t-Tarzna konvenuta ghal liema ssubentra Saviour Gauci f' isem il-Gvern (fol. 164);

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elfejn tliet mija sebgha u ghoxrin lira Maltija u sitt centezmi (Lm2327.06);

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq likwidata in linea ta' danni;

L-ispejjez gudizzjarji kollha ghandhom jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------